# SAN DIMITRI

Imxejt mill-Għarb
bħal pellegrin
ftit qabel iż-żerniq
mit-trejqa qalb ir-raba
li minn Birbuba tieħdok
San Dimitri.

U smajt mill-ġdid
il-ħsejjes ta' l-egħlieqi
il-mitħna ddur
u l-ilma fil-ġibjun
is-sriedaq jiddnu
xi kelb jinbaħ fil-bogħod
l-inħiq tal-ħmir
u l-baqar jgħajtu biex jinħalbu.

Xammejt ir-riħa tat-tadam jingħasar
tal-għeneb fil-kannestri
u tal-bettieħ
li għadu kemm inqata'
mifrux mal-bjut
jistenna x-xemx li ssajru.

U rajt jekk sewwa rajt
minn wara xkora tperper
fid-dlam u d-dawl
ta' wieħed mill-irziezet
tfajla tinħasel f'ħawt tal-ġebel
u fuq il-bir
tiġieġa rasha mħanxra
u d-demm iqattar sħun
fuq l-art imxarrba.

*Joe Friggieri*



# ID-DWEJRA

Qabli kien hawn
dal-ġebel tiela' minn ġol-baħar
dal-blat maqtugħ tal-Ġeneral
das-sħab irqiq
iħokk mal-preċipizzju
daċ-ċagħaq jitgerbeb fuq ix-xatt
u dal-farfett-dragun dibb-ix-xitan
iżiġġ fuq l-ilmijiet
u jerġa' lura.

U hekk ikun
meta mmur jien
bil-ġebel tiela' minn ġol-baħar
il-blat tal-Ġeneral
is-sħab irqiq
iħokk mal-preċipizzju
iċ-ċagħaq jitgerbeb fuq ix-xatt
u dal-farfett-dragun, jew ieħor bħalu,
iżiġġ fuq l-ilmijiet
u jerġa' lura.

*Joe Friggieri*

# GHAJN BARRANI

Ħalli warajk l-agħjat tal-bliet
u ejja sibni waħdi f'Għajn Barrani
nofs triq bejn Marsalforn
u r-Ramla l-Ħamra.

Idħol fix-xtajta l-bajda
u mtedd bla kliem
fuq din is-sodda ratba
ta' blat li ma jniggiżx,
inżel inħasel fl-ilma kristallin
u ara l-ħut fil-qiegħ
għaddej kif kien
fil-bidu tal-ħolqien
qabel ma sema' l-passi
fuq ir-ramel.

Ejja jekk trid
biex tara s-sħab jiħmar
fi nżul x-xemx
u tisma' l-mewġ iċafċaf
taħt il-qamar.

Basta ma tgħid lil ħadd
fuq Għajn Barrani.

*Joe Friggieri*

# TEKOLOĠIJA

Fuq il-ħaxix imxarrab
fix-xagħri, fil-widien,
in-nies ta' din il-gżira
iżidu mal-ħolqien
bramel u friskaturi
sufani w siġġijiet
u jsebbħu lin-natura
bil-fran u s-saqqijiet.

Li kieku kellu Alla
mit-tron li qiegħed fih
jittawwal lejn id-dinja
u jfittex post għalih,
jien żgur li hawn kien jagħżel
biex jgħammar minnufih,
għax għandu fejn jinħasel
u anki fejn jistrieħ.

*Joe Friggieri*

